MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 368/2008

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-13 ta' Gunju 1998 fir-Registru Pubbliku biss u dan jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

3. Peress li l-partijiet damu jghixu flimkien ghal disgha snin u waqt dan iz-zmien l-konvenut baqa' jirrifjuta li jkollu tfal minn dan iz-zwieg ghax kien jghidilha li jibza' li jkunu handicapped u li l-istorbju tat-tfal idejqu;

4. Peress li kull darba li r-rikorrenti kienet titlob lir-rikorrenti sabiex ikollhom it-tfal l-intimat zewgha kien jghidilha li hekk qeghdin tajjeb;

5. Peress li qabel iz-zwieg l-konvenut qatt ma qal lir-rikorrenti li huwa ma jridx tfal minn dan iz-zwieg;

6. Peress illi l-partijiet huma separati de facto u ftehmu fuq separazzjoni bonarja u qed jistennew biss l-appuntament mal-bank sabiex jikkonkludu s-separazzjoni taghhom;

7. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

8. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

9. Peress illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Gunju 1998 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-13 ta' Gunju 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attrici fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Gunju 1998 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa seba' snin. Wara konvivienza matrimonjali ta' circa disa' snin huma sseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li ftit qabel l-ewwel data taz-zwieg miftehma bejn il-partijiet, dawn kienu tterminaw ir-relazzjoni taghhom, u jidher li l-konvenut hassu li f' dak l-istadju ma kienx ippreparat li jizzewweg lill-attrici. Sussegwentement il-partijiet irrangaw u circa sena wara zzewwgu.

Il-partijiet kienu ftehmu li jibdew jipprovaw ghat-tfal sentejn wara z-zwieg bl-iskop li jkunu fis-sod finanzjarjament; izda wara li ghaddew dawn is-sentejn, u wara li l-attrici kienet bdiet tinsisti mal-konvenut sabiex jipprovaw ghat-tfal, il-konvenut kien irrifjuta li jkollu x' jaqsam maghha minghajr prekawzzjonijiet, u kien qallha espressament u

kategorikament li ma kienx ried tfal. Dan il-fatt irrizulta li kien il-fonti tal-problemi kollha li l-partijiet irriskontraw tul il-konvivenza matrimonjali, bir-rizultat li l-attrici telqet mid-dar konjugali. Hija tghid li kienet izzewwget bl-iskop li jkollha t-tfal u tibni familja, u ghalhekk ma rieditx tkompli tghix mal-konvenut meta dana ma riedtx tfal.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut, li kien ghamel xi ftit taz-zmien jahdem mal-persuni b' dizabilita', kien ossessjonat bil-fatt li hu seta' jkollu tfal li jitwieldu b' dizabilita' u ghalhekk kien kategoriku fil-fehema tieghu li ma riedx li hu jkollu tfal. Di fatti l-att taz-zwieg bejn il-partijiet dejjem sar bil-prekawzzjoni minn naha tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirraviza f' dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, da parti tal-konvenut; u dana minhabba li huwa ma fehemx u ma gharafx bizzejjed l-import tal-hajja konjugali li hija bazata fuq unjoni diretta, inter alia, ghall-prokreazzjoni u ghat-trobbija tat-tfal. F' dan is-sens huwa kien affett minn difett serju ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-obbligi u d-drittijiet tal-hajja konjugali.

Illi minn naha ta' l-attrici l-Qorti ma tara xejn censurabbli. L-attrici zzewwget biex, inter alia, jkollha tfal fiz-zwieg u trabbihom f' ambjent ta' familja, u kellha kull dritt li tinsisti, anzi tezigi, minghand zewgha li l-att taz-zwieg isir miftuh ghat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Gunju 1998 huwa null fil-ligi. L-ispejjez kollha ghandhom jibqghu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------